**KUNSILL LOKALI HAL LIJA**
TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA
TEL. 21416111 FAX 21416941

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBGĦA KUNSILL**

**SEDUTA NRU 7 – Il-ERBGĦA 24 TA' LULJU 2013**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija fl-5:30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Dr Ian Castaldi Paris | Sindku |
| | Is-Sinjura Magda Magri Naudi | Viċi Sindku |
| | Dr Marc Sant | Minority Leader |
| | Is-Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |
| | Is-Sinjorina Stephanie Cutajar | Kunsillier |

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Inqraw il-Minuti tal-laqgħa nr 6 li saret nhar **Il-Erbgħa 10 ta' Lulju 2013** fuq proposta tal-Viċi Sindku Magda Magri Naudi u sekondata mill-Kunsillier Lorraine Farrugia, dawn ġew approvati unanimament.

## 2. ĦWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

**2.1** Il-Viċi Sindku Magda Magri Naudi nfurmat li l-*Arabian Night* li ser tiġi organizzata nhar is-6 ta' Settembru 2013 fiha ser jieħdu sehem il-komunita' Morokkina u dik tat-Tunesia. Nfurmat li ser titkellem mal-kommunita Libjana. Infurmat ukoll li tixtieq li l-belly dancers jagħmlu show mat-torri.

**2.2** Il-Kunsillier Lorraine Farrugia nfurmat li qed wara li reggġet tkellmet ma Ms Anna Camilleri dwar Villa Francia din talbitha outline tal-program tal-festa taċ-Ċitru.

## 3. KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU W KUNSILLIERI

### *3.1 Dr Ian Castaldi Paris- Sindku*

***3.1.1*** Nforma li wara laqgħa li saret ir-regjun. Il-Kunsill għandu jipprepara lista ta' road markings u road signs li għandu bżonn. Dan għaliex ir-regjun ser jibda jagħmel dan ix-xogħol lil Kunsill Lokali.

***3.1.2*** Nforma li kien mistieden laqgħa dwar il-festa ma' l-għaqdiet, il-Kappillan u l-pulizija.

***3.1.3*** Nforma li meta l-Kunsill ser ikollu l-consultation meeting mal-Mepa għandu jkun preżenti Mr Paul Gauci Town Planner. Il-Kunsill qabel dwar dan.

### 3.2 *Ms Lorraine Farrugia*

**3.2.1** Nfurmat li wara li tingħalaq tender tal-extensive patching għandha ssir b'mod urgenti Triq id-Dejqa.

**3.2.2** Nfurmat li wara li l-kunsill bgħat flyer dwar il-ħmieg tal-klieb, zibel u l-ħwat l-wardens għandhom jibdew jagħmlu enforcement.

**3.2.3** Nfurmat li xtaqet torġanizza educational talks għal Teenagers. Il-Kunsill qabel dwar dan. Il-Kunsill għandu jara jekk f' Hal Lija hemmx xi ħadd li hu kwolifikat għal dawn it-talks.

### *3.3 Dr Marc Sant*

**3.3.1** Nforma li wara laqgħa li kellu l-Association kien nfurmat li skart tal-ħwienet m'għandux jitħallat ma' dak domestiku. Il-Kunsill qabel li għandha tintbgħat ittra lill-dawn il-ħwienet biex ikunu nfurmati dwar dan.

**3.3.2** Nforma li kellu suggeriment min xi residenti dwar il-ġibja li hemm taħt il-Pjazza. Il-Kunsill jista jibda jagħti servizz. Il-Kunsill qabel li għandu

**3.3.3** Nforma li xi residenti ssuggerew li jsir monument fil-Pjazza tar-raħal biex jikkomemora l-Vitmi tal-Gwerra u dawk tan-nar. Għandha tiġi preparata call for quotations mill-amministrazzjoni.

3.4 *Ms Magda Magri Naudi*

**3.4.1** Nfurmat li ġol-Ġnien isir ħsara biż-żraben li qed jintużaw. Issuġġeriet ukoll li għandha ssir ukoll li għandha ssir *first aid box.* Il-Kunsill qabel dwar dan.

**3.4.2** Nfurmat li l-ELC għandu jiżbor siġar li hemm quddiem il-propjeta' tal-VicI Sindku għaliex huma għoljin u qed itelfu lis-sewwieqa.

**3.4.3** Nfurmat li għandu jsir reflector fi Triq Sant Andrija. (taħt it-twieqi blue)

**3.4.4** Nfurmat li għandu jinbena l-boundary wall li hemm mal-mitħna. il-Kunsill qabel dwar dan.

*3.5 Ms Stephanie Cutajar*

**3.5.1** Nfurmat dwar inizjattiva ta weekend fundraising li tista ssir fil-carfree day. Isuġġeriet li jsiru xi sports events ukoll.

**3.5.2** Nfurmat li ser tibda taħdem fuq tour ta' 3 ijiem f'Novembru għal Ruma.

**4. KORRISPONDENZA**

**4.1** Saret talba lill-Kunsill għal Bollards fi Triq Giuseppe Cali quddiem garage no.19/21 kif saru aktar il-fuq quddiem il-fetha tal-garages mingħand is-Sur Andrew Pace. Il-Kunsill qabel li dawn għandhom isiru.

**4.2** Il-Kunsill rċieva rapport dwar il-playground. Dan għandu jiġi ffirmat. Dan ġie ffirmat mis-Sindku u s-Segretarja.

**4.3** Saru żewġ ilmenti minn residenti li joqgħodu fi Triq Preziosi, Ħal Lija, fuq l-kollettur taż-żibel domestiku. Wara diversi telefonati lill-kuntrattur, is-Sur Ronald Bezzina, l-ħaddiem li jiġbor iż-żibel xorta għadu qed igeddes l-boroz quddiem id-djar tan-nies u jasar f'din it-Triq. Minħabba f'hekk qed joħroġ likwidu jintenn ħafna u minħabba s-shana tas-sajf, ir-riħa tibqa' tinxtamm. Kemm-il darba r-residenti kellhom joħorġu jaħslu t-triq għax ma jkunux jistaw jibqaw jistaportu r-riħa. Darba anke nfaqa bott żebgħa bajda u li tħalla marka kera d'in l-istess triq. Wara diversi tentattivi biex jitranga s-servizz il-Kunsill qabel li għandhom jinħarġu 2 *default notices.*

**4.4** Saret talba mill-Kappillan Fr David Gauci biex jitranga railing tal-ħadid. Il-Kunsill qabel li dan għandu jsir bil-ħaddiema tal-Kunsill Lokali.

**4.5** Saret talba mis-Sur Victor Grech. Dan wera x-xewqa biex jibda jieħu ħsieb il-pjanti tat-Torri. L-Kunsill qabel dwar dan.

5. **AMMINISTRAZZJONI**

**5.1** Saret sejħa għal-Kwotazzjoni

**5.1.1** Chainsaw kif ukoll hedgecutter. Intażlet l-irħas offerta.

**5.1.2** Ilma bil-unit ta' l-ilma kiesaħ u sħun. Intażlet l-irħas offerta

**5.2** L-Amminstrazzjoni tkellmet ma' instructor taz-Zumba u qed isiru l-arrangamenti biex il-Kunsill joħrog l-informazzjoni lir-residenti ta' Ħal-Lija.

**5.3** L-Amministrazzjoni ppreparat letter of Intent biex isir Twinning. Din ġiet iffirmata waqt il-Laqgħa tal-Kunsill u ser tintbgħat. Il-Kunsill qabel dwar dan.

**5.4** L-Amminstrazzjoni nfurmat li għalkemm għal Crafts activity applikaw 2 persuna biss. Il-kunsilliera Lorraine Farrugia xorta ser tagħmel dawn il-crafts. Il-Kunsill qabel dwar dan.

**5.5** Wara li tlesta x-xogħol fuq il-Public Convenience. L-Amministrazzjoni nfurmat li reggħu nġiebu quotations biex jitrangaw l-biebin u jsiru tal-ħadid. Pero L-Minority Leader Dr Sant xtaq li dawn ma jsirux għal issa.

**5.6** Nqarat l-Memo dwar car free day u ġie deċiz li l-Kunsill ser jieħu sehem.

**5.7** Nqarat l-Memo dwar Life streaming u ġie deċiz li l-Kunsill ser jieħu sehem.

**5.8** Ir-riċeviment li għandu jsir tal-Festa bħala ringrazzjament ser isir nhar id-9 ta' Awwissu 2013. Għalhekk Jeanette Buhagiar għandha tibgħat l-inviti.

**5.9** Sar qbil li t-tenders ser jiġu evalwati nhar it-Tnejn 29 ta' Lulju 2013 fl-4.30pm.

**5.10** Reġgħet saret reminder dwar il-laqgħa ta' konsultazzjoni mal-MEPA. Din il-Laqgħa ser issir nhar it-8 ta' Awwissu fid-9.30am.

**5.11** Waqt il-laqgħa ġie Paul Portelli l-electrician li qed jieħu ħsieb il-bdil tal-bozzoz. Informa lill-kunsill dwar ix-xogħolijiet li qed isiru w x'ser isir.

**5.12** Il-Kunsill qabel li għandu jingħata ritratt ta' l-okkazjoni lil kull min ħa ġieh Ħal-Lija.

**5.13** Il-Kunsill qabel li t-Torri għandu jinfetaħ għal publiku fil-granet tal-festa. Għandha tingħata donazzjoni u min naħa tal-Kunsill ser tingħata riċevuta.

6 **APPROVAZZJONI TAL-LISTA TA' PAGAMENTI**

6.1 Is-Segretarja ressqet lista ta' pagmenti għax-xahar ta' Lulju 2013.

**TMIEM**

Fil-19.00pm intemmet is-Seduta w b'mod unanimu aġġornat għal nhar it-Tnejn 2 ta' Settembru 2013.

<table>
<tr><td>_______________________</td><td>_______________________</td></tr>
<tr><td>Dr Ian Castaldi Paris<br>Sindku</td><td>Ms Gabriella Agius<br>Agent Segretarju</td></tr>
</table>